# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 130/2015**

Il-Pulizija

vs

**Mark Deguara**

iben John, imwieled Pieta', fil-5 ta' Ottubru, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 138189(M)

Illum, 25 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-appellant Mark Deguara quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Lulju 2014 u Awwissu 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Brenda Zammit u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak l-jum li fih skont dik l-ordni jew dak l-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-ammissjoni tal-imputat, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Deguara pprezentat fis-16 ta’ Marzu, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevokha ghal kollox l-istess sentenza u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament fl-eventwalita li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien tal-htija, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha nkwantu l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena aktar gusta u ekwa skont il-ligi ghall-kaz odjern u tikkonfermha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-appellant kien gie qieghed mix-xoghol u dana kemm minhabba diffikultaijiet ta' sahha mentali, kif ukoll minhabba dizabilta f' dahru, b' hekk indipendetament mir-rieda tieghu sab ruhu fl-impossibilta li jaderixxi mal-obbligazzjonijiet kuntratwali tieghu tal-manteniment.

2. Illi bid-dovut rispett l-appellant qatt ma seta' jinstab hati kriminalment ghal reat li naqas li jissomministra l-manteiment ta' uliedu meta fil-perjodu in kwistjoni mhux biss ma kienx qieghed jahdem imma sahansitta rikoverat fit-taqsima psikjatrika b' ordni cara mit-tobba tieghu sabiex jaghmel perjodu ta' zmien assenti mix-xoghol. Certament dina kienet sitwazzjoni li l-appellant ma gabx b'idejh jew b'mod deliberat, imma c-cirkostanzi sehhew involontarjament u indipendentement mir-rieda tal-appellant, dan fis-sens illi huwa sab ruhu f'cirkostanzi li rendewh fl-impossibilta li jadherixxi mal-kuntratt dwar l-manteniment.

It-tieni aggravju

1. Illi f kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, il-piena nflitta hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi, tenut kont illi l-esponent qatt ma kellu kazi serji ohra mal-Qorti precedentement.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi b'verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2016 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Illi mill-atti tal-appell tirrizulta ampjament il-htija tal-appellant izda in vista tal-fatt li hu hallas dak kollu dovut pemperament fil-piena erogata tkun gusta.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Mark Deguara u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant Mark Deguara taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.